

32007L0001

1.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 25/9

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/1/KE****tad-29 ta' Jannar 2007****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, dwar il-prodotti kożmetiċi, għar-raġunijiet ta' adattament ta' l-Anness II, tagħha għall-progress tekniku****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar prodotti kożmetiċi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (2) tagħha,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku tal-Prodotti tal-Konsumatur,

Billi:

(1) Wara l-opinjoni ta' l-SCCP li ħarġu fuq il-bażi ta' studji xjentifiċi, il-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri u l-partijiet interessati qablu dwar strateġija kumplessiva biex tirregola s-sustanzi taż-żebugħa tax-xagħar li, skondha, l-industrija għet obligata tressaq il-fajls bid-data xjentifika dwar iż-żebugħa tax-xagħar biex ikunu evalwati mill-SCCP.

(2) Is-sustanzi li għalihom ma kien hemm l-ebda interess espliċitu espress matul il-konsultazzjoni pubblika b'difiża ta' l-użu tagħhom f'zebugħa tax-xagħar u li għalihom ma kien hemm fajls dwar sigurtà aġġornati ġew sottomessi biex jippermettu stima tar-riskju adegwata għandhom jiġu inklużi fl-Anness II.

(3) Is-sustanza 4-amino-3-fluorophenol sa issa kienet titqies koperta minn daħla ġenerali, numru ta' referenza 22, li tikkonċerna l-aniline, il-melħ tagħha u d-derivattivi aloġenati u issulfonati. Madankollu, peress li mhux ovvju li 4-amino-3-fluorophenol jappartjeni għal dik il-familja aniline, daħla speċifika għal dik is-sustanza għandha tkun inkluża fl-Anness II.

(4) Biex kollox ikun ċar, is-sustanza epoxinazole trid titneħħa min-numru ta' referenza separat 1182 għan-numru ta' referenza 663 fl-Anness II tad-Direttiva 76/768/KEE.

(5) Peress li l-ebda data speċifika ġdida ma għet sottomessa lill-SCCP qabel il-31 ta' Lulju 2006 għal valutazzjoni ta' N, N'-dihexadecyl-N, N'-bis(2-hydroxyethyl)propanediamide, dik is-sustanza għandha tkun inkluża fl-Anness II.

(6) Id-Direttiva Nru 76/768/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness II, tad-Direttiva 76/768/KEE huwa emendat skond it-test fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li b'effett minn [Jum, Xahar, Sena = T<sub>max</sub>-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva], prodotti kożmetiċi li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva ma jkunux mibjugħa jew mgħoddija lill-konsumatur finali.*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard minn [Jum, Xahar, Sena = sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu f'konformità ma' din id-Direttiva. Għandhom mingħajr dewmien jgħaddu lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella tal-korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-21 ta' Novembru 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jstabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

<sup>(1)</sup> ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/78/KE (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 56).

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Jannar 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
Gunter VERHEUGEN  
*Vċi-President*

---

## ANNEX

Anness II għad-Direttiva 76/768/KEE huwa emendat kif ġej:

1. In-numri ta' referenza li ġejjin 1234 sa 1243 għandhom jizziedu:

Nru Ref	Isem kimiku/iseM INCI	Nru tal-CAS
"1234	PEG-3,2',2"-di-p-Phenylenediamine	144644-13-3
1235	6-Nitro-o-Toluidine	570-24-1
1236	HC Isfar nru.11	73388-54-2
1237	HC Oranġjo nru. 3	81612-54-6
1238	HC Aħdar nru. 1	52136-25-1
1239	HC Aħmar nru. 8 u l-imluħ tiegħu	97404-14-3, 13556-29-1
1240	Tetrahydro-6-nitroquinoxaline u l-imluħ tiegħu	158006-54-3, 41959-35-7
1241	Aħmar MifruX 15, ħlief bħala impurità fil-Vjola MifruX 1	116-85-8
1242	4-amino-3-fluorophenol	399-95-1
1243	N,N'-dihexadecyl-N,N'-bis(2-hydroxyethyl)propanediamide Bishydroxyethyl Biscetyl Malonamide	149591-38-8"

2. Titħassar id-daħla taħt in-numru ta' referenza 1182;

3. In-numru ta' referenza 663 hu mibdul b'dan li ġej: "(2RS,3RS)-3-(2-Chlorophenyl)-2-(4-fluorophenyl)-[1H-1,2,4-triazol-1-yl)methyl]oxirane; epoxiconazole (CAS No 133855-98-8)".